MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 461/2006

**Merger Enterprises Ltd**

**vs**

**Ivan Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih is-socjeta` rikorrenti ppremettiet:

1. Ir-rikorrenti tipposjedu il-fond bl-isem *"Elia"*, Canon Road, Qormi;

2. L-intimat qieghed jokkupa dan il-fond minghajr titolu fil-ligi;

3. Interpellat biex jirrilaxxja il-fond f`idejn ir-rikorrenti l-intimat baqa` inadempjenti;

4. Fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet validi fil-ligi x`iressaq biex jopponi t-talbiet attrici;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-kodici ta` Procedura u Organizzazzjoni Civili;

2. Tordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond mertu tal-kawza fiz-zmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa u fin-nuqqas tawtorizza lill-esponenti jirriprendu il-pussess tal-fond a spejjez tal-intimat.

3. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` kull att kawtelatorju pprezentati kontestwalment ma dan ir-rikors u tal-ittri gudizzjarji u interpellatorji kollha mibghuta.

L-esponenti jirriservaw minn issa kull azzjoni spettanti ghad-danni inkluzi danni ghall-okkupazzjoni tal-fond u/jew telf ta` qliegh jew kumpens mod iehor naxxenti mill-agir tal-intimati kif premess f`dan ir-rikors;

L-intimati huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha stqarr illi:

L-esponent qieghed jirrispondi ghar-rikors ta` Mary Grech li ghamlet ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` attrici.

L-intimat la kien u l-anqas ma huwa jokkupa il-fond bl-isem *"Elia"*, f'Cannon Road, Qormi, kif allegat mis-socjeta` rikorrenti.

L-intimat Ivan Azzopardi kien, in bona fede, u allura minghajr konoxxenza tad-digriet ta` din l-istess Onorabbli Qorti tas-27 ta` April, 2001 fil-kawza fl-ismijiet Grech vs Grech [271/1996], dahal ghan-nom u in rappresentanza

tas-socjeta` Sarex Limited (C6098) f`kuntratt ta` lokazzjoni li kien maghmul quddiem in-Nutar Dottor Roland J. Wadge.

Kien zewgt ir-rikorrenta Nazzareno sive Reno Grech (Nru ID 629254M) stess u b`mod abbuziv u b`ingann ta` martu u ta` l-istess socjetajiet Merger Enterprise Limited u Sarex Limited li kera l-fond in kwistjoni lis-socjeta` Sarex Limited liema socjeta hija gestita mill-intimat.

Meta f`Awissu 2005 l-intimat, Ivan Azzopardi, ghan-nom u in rapprezentanza ta` socjeta` Sarex Limited, kien gie mitlub mill-istess attrici sabiex jisgombra il-fond in kwistjoni; dan, fi ftit granet irritorna ic-cwievet tal-fond lill-istess Reno Grech wara li dan Grech qal lil Ivan Azzopardi, lil-fond kien gie mibjugh lil Regina Auto Dealer, u ghal din ir-raguni li kien intalab jisgombra.

Talab lis-socjeta` attrici tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1) Tiddikjara illi l-intimat Ivan Azzopardi liberat mill-osservazzjoni ta` gudizzju stante li huwa qatt ma kellu fil-pussess tieghu u l-anqas kien mikri lilu l-fond in kwistjoni.

2) Tiddikjara li t-talba tar-rikorrenti ghall-isgombrament tal-fond *"Elia"* f`Canon Road, Qormi hija anakronistika stante lill-fond ga gie sgumbrat mis-socjeta` Sarex Limited.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Rat li l-intimat ma deherx ghall-udjenza tal-kawza u, fil-fatt, ma giex awtorizzat iressaq risposta in kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta` attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta` rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Peress li jidher li, fil-mori tal-kawza, l-konvenut ivvaka l-fond meritu tal-kawza u kkonsenja c-cwievet lis-socjeta`

attrici, m`hemmx lok ta` provediment fuq it-talba tas-socjeta` attrici. Peress, pero`, li l-konvenut naqas li jikkomunika mas-socjeta` attrici wara interpelazzjoni li saritlu , hu ghandu jhallas l-ispejjes ta` dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici (stante rilaxx tal-fond fil-mori tal-kawza), izda tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------